

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2015 – Kafetzakis et vs Il-Parlament et**(Kawża T-38/14) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni u għad-danni — Ristrutturar tad-dejn pubbliku tal-Greċja — Involvement tas-settur privat — Dannu relatat mat-tnaqqis tal-krediti pprovduti bħala kumpensi tat-tkeċċija — Dikjarazzjonijiet tal-kapijiet tal-Istati jew tal-Gvernijiet taż-Żona Euro u tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni — Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro — Assenza ta' preċiżazzjoni tar-rabta kawżali mad-dannu invokat — Inammissibbiltà”)**

(2015/C 389/63)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Georgios Kafetzakis. (Ateni, il-Greċja) u l-mija u tnejn rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness tad-digriet (rappreżentant: C. Papadimitriou, avukat)

**Konvenuti:** Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: A. Troupiotis u L. Visaggio, aġenti); Il-Kunsill Ewropew; Il-Grupp tal-Euro; Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino, M. Balta u E. Dumitriu Segnana, aġenti); Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Konstantinidis, J.-P. Keppenne u B. Smulders, aġenti); u Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: P. Papapaschalisut u P. Senkovic, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba intiża biex jiġi kkonstatat li l-konvenuti naqsu illegalment milli jadottaw il-miżuri leġiżlattivi neċessarji għall-finijiet li l-obbligazzjonijiet miżmuma mir-rikorrenti, bħala impjegati ta' Olympiaki Aeroporia, ma jkunux milquta mill-pjan ta' parteċipazzjoni tas-settur privat fil-programm ta' finanzjament tad-dejn (PSI), li jnaqqas il-valur tad-dejn tal-Istat Grieg, kif ukoll, min-naħa l-oħra, talba intiża għall-ksib ta' kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba dan in-nuqqas illegali milli tittieħed azzjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Georgios Kafetzakis u l-mija u tnejn rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 292, 01.09.2014.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ottubru 2015 – Aravinitis et vs Il-Parlament et**(Kawża T-350/14) <sup>(1)</sup>

**(“Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni u għad-danni — Terminazzjoni tal-attività tal-kumpannija Olympiaki Aeroporia (OA) — Dannu allegatament subit mill-impjegati temporanji ta' OA minħabba n-nuqqas li tittieħed azzjoni mill-konvenuti li jikkonsisti fin-nuqqas milli jħarsu li jiġu applikati r-regoli tal-liġi tal-Unjoni Ewropea fl-okkażjoni tat-tkeċċija tagħhom — Assenza ta' preċiżazzjoni tar-rabta kawżali bejn id-dannu invokat u l-aġir tal-konvenuti — Inammissibbiltà”)**

(2015/C 389/64)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

**Rikorrenti:** Athanasios Arvanitis (Rodi, il-Greċja) u l-erbgħa u sebgħin rikorrenti l-oħra li isimhom jidher fl-anness tad-digriet (rappreżentant: C. Papadimitriou, avukat)